

Brussell, 27 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7630/26

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0429 (COD)

CODEC 520
JAI 386
ENFOPOL 108
CRIMORG 72
IXIM 84
DATAPROTECT 98
CYBER 137
COPEN 103
FREMP 107
TELECOM 136
COMPET 364
MI 282
CONSOM 96
DIGIT 77
PE 49

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu tal-applikazzjoni tiegħu - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Brussell, mill-25 sas-26 ta' Marzu 2026)

I. INTRODUEZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u mad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar din il-proposta fl-ewwel qari.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

Il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni ma setgħux jilħqu qbil matul l-aħħar laqgħa tat-trilogu fis-16 ta' Marzu 2026.

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) ippreżenta l-proposta msemmija hawn fuq għal Regolament għal votazzjoni fl-ewwel qari mill-plenarja, li għaliha r-rapporteur Birgit SIPPEL (S & D, DE) kienet ħejjiet abbozz ta' rapport.

Barra minn hekk, il-grupp politiku tal-Partit Popolari Ewropew (PPE) ressaq emenda waħda (l-emenda 29), il-gruppi politiċi tal-Alleanza Progressiva tas-Soċjalisti u d-Demokratiċi (S&D) u Renew Europe (Renew Europe) ressqu żewġ emendi (l-emendi 30 u 31), il-grupp politiku tal-Konservattivi u r-Riformisti Ewropej (ECR) ressaq żewġ emendi (l-emendi 32 u 33) u l-grupp politiku tal-Ħodor/Alleanza Ħielsa Ewropea (Ħodor/AHE) ressaq tliet emendi (l-emendi 34 sa 36).

II. VOT

Meta vvota fil-plenarja fis-26 ta' Marzu 2026, il-Parlament Ewropew irrifjuta l-proposta tal-Kummissjoni. F'konformità mar-Regola 60 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, il-Kummissjoni mbagħad intalbet tirtira l-proposta tagħha.

Il-Parlament Ewropew imbagħad ipproċeda biex jadotta r-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness ta' dan id-dokument.

P10_TA(2026)0095

Emenda għar-Regolament (UE) 2021/1232 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-26 ta' Marzu 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu (COM(2025)0797 – C10-0370/2025 – 2025/0429(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2025)0797),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 16(2) u 114(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0370/2025),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-21 ta' Jannar 2026²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0040/2026),
1. Jiċċad il-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni tirtira l-proposta tagħha;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

² Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.